**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 18 ta' April 2024**

**Rikors Numru 14/2022**

**Giselle Galea**

**Vs**

**Il-Kunsill dwar il-Professjoni ta' l-Għalliema f'Malta**

**Il-Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, u**

**Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol**

It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' Giselle Galea ippreżentat fid-9 ta' Frar 2022, li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

*1. ILLI l-esponenti filwaqt li tagħmel referenza għad-deċiżjoni datata 24 ta' Jannar, 2022 li ttieħdet mill-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Għalliema f'Malta li permezz tagħha, il-Kunsill de quo sab lill-esponenti ħatja ta' ksur ta' diversi Prinċipji tal-Kodiċi tal-Etika u Prattika għall-Għalliema kif maħsub mill-Artikolu 31(2)(b) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap 327) u li per di piu', l-imġiba tal-esponenti bħala għalliema jammonta għal imġiba professjonali ħażina u inkompetenza ai termini tal-Artikolu 31(1) u li l-esponenti wriet nuqqas ta' ħila fil-prattika tal-professjoni tal-għalliema jew fit-twettiq ta' dmir jew obbligazzjoni ta' għalliema kif maħsub mill-Artikolu 31(2)(f) tal-Att dwar l-Edukazzjoni, u minn tali deċiżjoni, l-esponenti ħassitha aggravata u qiegħda tinterponi dan l-appell;*

*2. ILLI konsegwenza tad-deċiżjoni de quo, il-warrant ta' għalliema tal-esponenti, bin-numru 11329 a tenur tal-Artiklu 31(4) tal-Att dwar l-Edukazzjoni, għandha titħassar*

*u dunque, l-esponenti ġiet ikkundannata ma tipprattikax il-professjoni ta' għalliema <u>permanentament</u>;*

*3. ILLI dan l-appell qiegħed ikun intavolat a tenur tal-Artikolu 32 tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap 327) iżda tajjeb li jingħad illi jeżisti Att <u>ieħor</u> dwar l-Edukazzjoni kontestwalment, li huwa Kap 605 tal-Liġijiet ta' Malta, liema Att ġie fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2021. F'dan il-kuntest, wieħed jifhem li l-Artikolu ċitat mill-Kunsill de quo fid-deċiżjoni, jikkonkorru mill-Kap 327 u mhux mill-Kap 605;*

*4. ILLI l-fatti li wasslu għal din il-vertenza fil-qosor huma dawn li ġejjin;*

*5. ILLI l-esponenti ggradwat mill-Universita' ta' Malta fil-livell ta' Masters, prinċipalment fil-Bioloġija u Integrated Science, u noncio' li kienet segwiet il-kors ta' Postgraduate Certificate in Education magħruf aħjar bħala l-PGCE, ma kinitx għaddiet minnu. Noncio' l-esponenti għallmet għal tnax-il sena, għaxra minnhom fl-iskejjel tal-istat;*

*6. ILLI l-esponenti kienet ingħatat warrant temporanju ta' għalliema sabiex fil-fatt setgħet tgħallem kif ġie spjegat qabel;*

*7. ILLI kif jirriżulta minn Nota ta' Sottomissjonijiet [li qiegħda tkun anness ma' dan ir-Rikors t'Appell] imressqa quddiem il-Kunsill in difeża tagħha, l-esponenti noncio' li ggradwat fil-livell ta' Masters fil-Bioloġija [u l-iSpecial Education Integrated Science] hija spiċċat mogħtija r-responsabbilta' ta' għalliema tal-Chemistry u bħala fatt, il-problemi għaliha nibtu u kibru malli appuntu bdiet tgħallem is-suġġett tal-Chemistry, suġġett kompletament estraneju għaliha allavolja għandha l-'O' u l-'A' level tal-Chemistry li kienet għamlet aktar minn 20 sena ilu (!);*

*8. ILLI l-esponenti, fix-xhieda tagħha, spjegat li kienet aċċettat li tgħallem is-suġġett tal-Chemistry mhux biss għaliex ma ngħatatilhiex għażla iżda għar-raġuni li kienet ser tispiċċa mingħajr xogħol, u dan wara li kienet ilha snin tgħallem kif ġie spjegat aktar 'il fuq;*

*9. ILLI konsegwenza tal-fatt li kienet mitluba tgħallem is-suġġett tal-Chemistry [u mhux tal-Bioloġija jew Special Education Integrated Science], inevitabbilment bdew isiru l-ilmenti mill-istudenti u mill-ġenituri fil-konfront tagħha, li bdew iqabblu lill-esponenti mal-għalliema preċedenti tagħhom illi kienet ħarġet bil-maternity leave wara li kienet ġja bdiet is-sena akkademika ta' dik is-sena skolastika, u l-esponenti spiċċat bis-search light litteralment fuqha, sia minn min kien imexxi l-iskola u sia mill-E.O. tal-Chemistry kif wara kollox kienu obbligati li jagħmlu għaliex hekk teżiġi r-responsabbilta' tagħhom;*

*10. ILLI l-esponenti sabet ruħha f'sitwazzjoni ta' snowball effect u saħansitra kienet ikkritikata dwar kollox inkluż dwar in-noti li tagħti lill-istudenti li kienu wisq dettaljati, dwar dawk li ssejħu inċidenti fil-laboratorju tal-Chemistry anki jekk dak li seħħ ma kienx it-tort tagħha iżda tal-lab technician, kif ukoll dwar meta xi studenta ħalliet il-lab coat warajha d-dar (!) Addirittura, kienet ukoll ikkritikata li ma kinitx tagħmel użu mill-interactive whiteboard fil-klassi meta, kif spjegat tajjeb hija, qatt ħadd ma uriha kif tagħmel użu minnu (!) Is-snowball effect kompla jikber meta l-E.O. tal-Chemistry, fil-fehma tiegħu, spiċċa jmaqdarha fl-"overall performance and delivery of lessons", dejjem tas-suġġett tal-Chemistry, anki jekk kien qiegħed jagħmel xogħlu bħala l-E.O. tal-Chemistry;*

*11. ILLI ħaġa tal-iskantament, <u>ħadd</u> minn dawk involuti fil-proċess kollu li wassal għal proċeduri quddiem il-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Għalliema f'Malta, ma*

*kkunsidra li fil-mument li l-esponenti ngħatat ir-responsabbilta' ta' għalliema tal-Chemistry, tpoġġiet l-impossibilta' li tkun għalliema kif mistennija u li konsegwenza t'hekk spiċċat ittimbrata (labelled) bl-aktar mod inġust, bħala għalliema b'imġiba professjonali ħażina u t'inkompetenza, bħala għalliema b'nuqqas ta' ħila fil-prattika tal-professjoni tal-għalliema, bħala għalliema b'nuqqas fit-twettiq tad-dmirijiet u tal-obbligazzjonijiet fil-prattika ta' għalliema, kif wara kollox ġiet akkużata quddiem il-Kunsill u inevitabbilment, instabet ħatja dwarhom;*

*12. ILLI l-esponenti temmen li kieku hija ngħatat responsabbiltajiet ta' għalliema tal-Bioloġija u/jew Integrated Science (li huma s-suġġett tagħha) u li kienet għamlet snin tgħallimhom, żgur u mhux forsi kienet mhux biss tħossha komda ħafna bħala għalliema, iżda wkoll kienet tagħmel id-delivery tagħha tas-suġġett tagħha kif kienet għamlet għal bosta snin, b'noti għall-istudenti ġja ppreparati, tried and tested b'suċċess;*

*13. ILLI fin-nota ta' Sottomissjonijiet li kienet intavolata quddiem il-Kunsill għan-nom tal-esponenti appellanti, kien ġie sottomess argument sempliċi iżda manifestament effettiv fiċ-ċirkostanzi tal-każ in deżamina, u ċioe':*

*"Jeżistu ħafna analoġiji dwar din id-distinzjoni, x'wieħed jista' jressaq minn kulturi differenti mal-firxa tal-pajjiżi varji li ħafna minnhom, tajjeb li jkun spjegat, jużaw karattri u kapaċitajiet ta' annimali, għasafar, insetti, ħut u kull ħlejqa fuq wiċċ id-dinja. Waħda minn dawn l-analoġiji, li l-iskop tagħhom huwa dejjem biex jispjegaw u fl-istess ħin jgħallmu lil min normalment ma jkunx jaf skola, hija s-segwenti f'forma qasira: xadina ma tistax ittellaq ma' ħuta fl-ilma, li minħabba l-karatteristiċi partikolari tal-ħuta, indubjament lanqas tibda magħha. Minn naħa l-oħra, xadina bil-karatteristiċi partikolari tagħha tista' titla' tiġri ma' siġra f'kemm trodd salib, xi ħaġa li ħuta ma tistax tagħmel. Analoġija ħelwa li tispjega għall-każ in deżamina kif ser ikun sottomess aktar tard.*

*Dwar tali distinzjoni, ser jitressqu argumenti li kull gradwat fl-edukazzjoni żgur u mhux forsi, jista' jifhem u japprezza stante li huma indisputabbilment ovvja. U filfatt, l-esponenti temmen bis-sħiħ li dak li ser ikun sottomess bħala ovvju, messu wkoll kien ovvju mill-bidu nett saħansitra qabel ma ngħataw lok għal dawn il-proċeduri... iżda wieħed jifhem li l-Kunsill għandu jdejh marbuta mil-liġi u bilfors irid jinvestiga dak imressaq quddiemu."*

*14. ILLI fl-imsemmija Nota ta' Sottomissjonijiet (li kif ġja ntqal, qiegħda tkun annessa ma' dan ir-rikors a skans ta' repetizzjoni), hemm ukoll enfasizzat li "bħal kull Qorti jew Tribunal ieħor, dak li għandu jitqies fil-każ in deżamina, huwa wkoll fil-kuntest speċifiku tiegħu, u mhux limitatament fil-kuntest tal-akkużi mressqa li m'huma xejn aktar minn pigeon hole dwar ksur ta' etika, altrimenti r-rakkomandazzjoni la tkun ġusta u lanqas ekwa, u jwassal għal dak li fil-kamp legali nsejħulu 'miscarriage of justice."*

*15. ILLI di piu', fiċ-ċirkostanzi prevalenti, meta l-esponenti kienet assenjata t-tagħlim tal-Chemistry, mhux biss ma ħassithiex komda, iżda spiċċat saħansitra f'sitwazzjoni ta' frustrazzjoni kbira... reazzjoni li kienet interpretata mill-ġenituri, mill-istudenti, mill-Kap tal-iskola, mill-Prinċipal, mill-E.O. responsabbli mis-suġġett tal-Chemistry bħala inkompetenza tal-esponenti bħala għalliema... meta fir-realta', l-esponenti ħassitha ferm vittimizzata minn kulħadd b'mod partikolari l-E.O. tal-Chemistry li kontra kull loġika, messu kien ovvju għalih li l-esponenti ma tibqax tgħallem is-*

*suġġett tal-Chemistry u minflok tintbagħat tgħallem is-suġġett tal-Bioloġija u/jew Integrated Science (!)*

*16. ILLI kien ħafna faċli li l-esponenti tiġi kkritikata (b'mod inġust) għaliex fost l-oħrajn, uriet imġiba professjonali ħażina u t'inkompetenza, uriet nuqqas ta' ħila fil-prattika tal-professjoni ta' għalliema, uriet nuqqas fit-twettiq ta' dmir jew obbligazzjoni fil-prattika ta' għalliema... meta hija kienet mogħtija responsabbiltajiet ta' għalliema tal-Chemistry (minflok Bioloġija u/jew Integrated Science)... meta hija ġiet 'imkejla' bħala għalliema tal-Chemistry... meta hija ġiet assessjata minn E.O. tal-Chemistry... u di piu', minħabba tali ċirkostanzi, spiċċat instabet ħatja intortament għaliex kienet mitluba tgħallem il-Chemistry u mhux is-suġġett tagħha (!);*

*17. ILLI s-sitwazzjoni li sabet ruħha fiha l-esponenti hija kkunsidrata bħala waħda serja ħafna, mhux biss fil-konfront tagħha iżda agħar minn hekk, minħabba li tali sitwazzjoni ġiet instigara mill-istess awtorita' li sussegwentament, mingħajr ma jammettu ebda tord da parti tagħhom, spiċċaw iressqu ilment fil-konfront tagħha quddiem il-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Għalliema f'Malta għaliex ma kinitx għalliema tajba tal-Chemistry (!) U l-esponenti tistaqsi, fejnhom il-prinċipji ta' ġustizzja naturali, ta' ekwita', ta' trasparenza? L-awtorita' kompetenti, inkluż kif rappreżentati mill-E.O. Chemistry wkoll naqsu bl-għażla tal-esponenti appellant vis-a-vis l-istudenti... iżda spiċċat weħlet l-esponenti għan-nuqqas tagħhom(!)*

*18. ILLI f'dan il-kuntest terġa' ssir referenza għan-nota ta' Sottomissjonijiet li kienet intavolata quddiem il-Kunsill, speċifikatament għas-segwenti:*

*"Dak li għandu jingħad dwar l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-esponenti mill-Kunsill, jekk jittieħdu fil-kuntest speċifiku ta' dak fuq spjegat b'mod ċar u mingħajr tlaqliq, l-esponenti temmen bis-sħiħ li dawn għandu jkunu inapplikabbli [għaliha] fir-rigward tat-tagħlim tas-suġġett tagħha tal-Chemistry, u biex issir ġustizzja magħha, għandha tingħata l-opportunita' li tgħallem is-suġġett tal-Bioloġija jew tal-iSpecial Education Integrated Science ħalli bħall-ħuta, tkun tista' liberalment tgħum fl-ilma u tagħmel użu mill-karatteristiċi li hija msaħħa bihom. Għaldaqstant, l-akkużi li l-esponenti b'xi mod kisret il-Kodiċi tal-Etika, ma jreġġix;*

*B'kull rispett lejn l-abbli kollega li mexxiet il-prosekuzzjoni bl-aħjar mod possibbli, l-akkużi mressqa fil-konfront tal-esponenti huma monki ab initio u di piu' m'għandhomx jirriżultaw meta l-Kunsill jieħu in konsiderazzjoni l-assjem ta' dak kollu li ġie spjegat f'din in-Nota ta' Sottomissjonijiet;*

*Il-Kunsill huwa umilment mitlub li jagħti opportunita' lill-esponenti turi x'taf bħala għalliema tal-Bioloġija jew tal-iSpecial Education Integrated Science, illi jħalliha tkompli tgawdi l-warrant ta' għalliema tagħha biex tkun tista' tagħmel hekk, u bħall-ħuta tkun tista' turi l-kapaċitajiet tagħha fl-ambjent tagħha.";*

*19. ILLI huwa fatt innegabbli li x-xhieda kollha miġbura fuq medda ta' kważi ħames (5) snin quddiem il-Kunsill de quo kienet kollha dwar l-esponenti fil-kuntest tat-tagħlim tagħha tas-suġġett tal-Chemistry... u kienet fuq hekk li l-esponenti ġiet akkużata u misjuba ħatja skont l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tagħha... proċess li qatt ma kellu jitressaq għaliex fil-fehma umli tal-esponenti, tali proċess kien monk ab initio;*

*20. ILLI kif ġja ntqal qabel anness ma' dan ir-rikors qiegħda tiġi mressqa kopja tan-Nota ta' Sottomissjonijiet (pp 7) li kienet ġiet intavolata f'isem l-esponenti li tinkludi Nota ta' kritika (pp 98) fil-konfront tas-Sottomissjonijiet imressqa mill-avukatessa abbli tad-Direttur Ġenerali u dan a skanz ta' repetizzjoni.*

*21. ILLI apparti dan, qed jiġu wkoll annessi kopja tad-deċiżjoni datata 24 ta' Jannar, 2022 maħruġa mill-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Għalliema f'Malta kif ukoll kopja tan-Nota ta' Sottomissjonijiet (pp 100) tal-abbli avukatessa tad-Direttorat għal Servizzi Edukattivi, ukoll għall-attenzjoni ta' dan l-Onorabbli Tribunal;*

*22. ILLI tajjeb li jingħad li fil-mori tal-proċeduri quddiem il-Kunsill, kien hemm diversi xhieda li bil-ġurament tagħhom, għamlu d-depożizzjoni tagħhom, inkluż l-esponenti Appellanti, liema xhieda ġew prattikament riprodotti fejn inħass il-ħtieġa li jsir hekk fil-106 paġni tad-deċiżjoni bir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill, kif ġja ntqal x-xhieda mogħtija kienet relatata mat-tagħlim tas-suġġett tal-Chemistry mill-esponenti Appellanti. Iżda madankollu kien hemm kummenti pożittivi għall-aħħar dwar l-esponenti Appellanti inkluż li kienet dejjem puntwali għax-xogħol, kienet serja f'ilbiesha, kienet tara kif issegwi l-istruzzjonijiet lilha mogħtija u kienet tagħmel ħilitha kollha biex tipprepara ruħha inkluż b'noti dettaljati għall-istudenti fis-suġġett tal-Chemistry noncio' li kif ingħad, ma kienx is-suġġett tagħha.*

*23. ILLI dwar dak imsemmi u aktar ser ikun trattat quddiem dan l-Onorabbli Tribunal.*

*Għal dawn ir-raġunijiet kif ukoll oħrajn li jistgħu jiġu mqajma matul it-trattazzjoni ta' dan l-appell, l-esponenti umilment titlob illi dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jħassar, jirrevoka u jannulla r-rakkomandazzjoni/deċiżjoni tal-Kunsill Appellat ta' nhar l-24 ta' Jannar, 2022, u minflok jiġi rakkomandat u ordnat lill-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Għalliema f'Malta illi l-esponenti tingħata l-warrant ta' għalliema bin-numru 11329 u fl-istess ħin ikun emendat ir-Reġistru Uffiċjali tal-Għalliema u di piu', lill-Appellati Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol u lill-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, jipprovdu lill-esponenti appellant l-opportunita' li tgħallem is-suġġett tal-Bioloġija u/jew Integrated Science li wara kollox, hija ggradwat fihom sal-livell ta' Masters, u dan taħt dawk il-provvedimenti illi dan l-Onorabbli Tribunal jidhirlu xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi prevalenti tal-każ in deżamina.*

Ra r-risposta tal-intimati ppreżentata fit-28 ta' Frar 2022 li permezz tagħha eċċepew is-segwenti:

1. *Illi l-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Għalliema f'Malta fl-24 ta' Jannar 2022 ddetermina illi l-imġieba tal-appellanta jammonta għal imġieba professjonali ħażina u inkompetenti kif maħsub fl-Artikolu 31 (1) tal-Kapitolu 327 tal-Liġijiet ta' Malta, li kisret diversi Prinċipji tal-Kodiċi tal-Etika u Prattika għall-Għalliema kif maħsub mill-Artikolu 31(2)(b) tal- Kapitolu 327 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll uriet nuqqas ta' ħila fil-prattika tal-professjoni tal-għalliema jew fit-twettiq ta' dmir jew obligazzjoni fil-prattika ta' għalliema kif maħsub mill-Artikolu 31(2)(f) tal-Kapitolu 327 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Illi għaldaqstant ġie rrakomandat mill-Kunsill lill-Ministru illi l-warrant ta' għalliem bin-numru 11329 tal-appellanta għandu jiġi mħassar u dan skont l-Artikolu 31(4) tal- Kapitolu 327 tal-Liġijiet ta' Malta;*

3. *Illi l-esponenti jikkontestaw dak allegat fir-rikors promotur u imilment jissottomettu li r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill datata 24 ta' Jannar 2022 hija waħda koretta kemm ai termini stipulati fil-liġi u kemm fil-fatt;*

4. *Illi r-rikors tal-appell effettivament jikkonsisti f'aggravju wieħed, fejn l-appellanta qiegħda tilmenta mir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill u targumenta li l-Kunsill ma messux wasal għall-konklużjonijiet tiegħu stante l-fatt li hi kienet qed tgħallem il-kimika meta kienet aktar kwalifikata tgħallem suġġetti oħra. Huwa għalhekk li r-rikorrenti qed titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal jordna li r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tiġi mħassra, revokata u annullata;*

   *Illi fl-ewwel lok, huwa dmir tal-Kunsill illi jevalwa kull tip ta' rapport u xhieda li tinġieb quddiemu waqt l-investigazzjoni u tul il-proċedimenti. A contrario sensu u fiċ-ċirkostanzi illi l-Kunsill ma jagħmilx hekk, huwa jkun in vjolazzjoni tad-dmirijiet tiegħu u ċioè dawk kontemplati fl-Artikoli 27 u 31 tal-Kapitolu 327 tal-Liġijiet ta' Malta;*

   *Illi bir-rispett kollhu l-imġieba professjonali ħażina kontinwa tal-appellanta ma kelliex x'taqsam mal-fatt li l-kimika ma kienx suġġett lil-appellanta kienet kompetenti fih, li fi kwalunkwe każ, kienet l-appellanta stess li applikat għal u aċċettat li tgħallem dak is-suġġett. Di fatti, in-nuqqasijiet tal-appellanta kienu jmorru oltre minn l-inkompetenza tagħha fis-suġġett, kien hemm nuqqasijiet serji ta' pedagoġija li mhumiex marbuta mas-suġġett tal-kimika li kienu jinkludu: nuqqas ta' preparazzjoni fejn jidħol il-kontenut, preżentazzjoni ta' riżorsi mhux adegwati, nuqqas ta' pjannar għal sessjonijiet prattiċi, nuqqas tar-regoli dwar is-saħħa u s-sigurtà fil-laboratorju, nuqqas ta' komunikazzjoni li twassal għal tagħlim effettiv, nuqqas ta' applikazzjoni ta' questioning techniques adegwati għall-istudenti, nuqqas ta' applikazzjoni ta' strateġiji fil-klassi biex iżżomm l-attenzjoni tal-istudenti u nuqqas ta' rieda li tisma' u tifhem il-kritika kostruttiva li kienet issirilha biex taqbad triq aħjar. Partikolarment b'riferenza għall-kwistjoni ta' saħħa u sigurtà fil-laboratorju, ma jistax ma jingħadx li r-rikorrenti kienet preżenti u fl-aħħar mill-aħħar responsabbli għal inċidenti serjissimi li saru taħt is-sorveljanza tagħha, inkluż okkażjoni fejn inxtered volum ta' gass velenuż waqt esperiment li mar ħażin;*

   *Illi di più, għandu jiġi rilevat illi l-inċidenti msemmija u kwistjonijiet li tqanqlu lkoll ġew ikkonfermati minn diversi xhieda u professjonisti fil-qasam matul l-inkjesta mwettqa mill-Kunsill. Dawn ix-xhieda kollha kkoraboraw l-istess verżjoni tal-fatti u ċioè li l-aġir u l-imġieba tal-appellanta assolutament ma laħaqx il-minimu tal-livell professjonali mistenni minn għalliem;*

5. *Illi għaldaqstant it-talbiet tal-appellanta huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*

6. *Illi għar-raġunijiet suesposti u kif ħa jiġi trattat fil-mori ta' dan l-appell, l-Kunsill ċertament idderiġa ruħu b' mod korrett meta ta r-rakkomandazzjoni mertu ta' dan l-appell u għaldaqstant tali rakkomandazzjoni għandha tiġi kkonfermata minn dan l-Onorabbli Tribunal;*

7. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, u unikament fl-eventwalità li dan l-Onorabbli Tribunal iqis li r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill għandha tiġi mħassra, il-konsegwenza adegwata f'dawn it-tip ta' proċeduri għandha tkun li l-Kunsill jirrevedi d-deċiżjoni li għandha tittieħed fil-konfront tar-rikorrenti u mhux ir-rimedji proposti mir-rikorrenti fit-talba tagħha. Dan peress li huwa paċifiku li fid-dritt amministrattiv, dan l-Onorabbli Tribunal m'għandux jissostitwixxi d-diskrezzjoni tiegħu għal dik tal-organu amministrattiv, peress li b'hekk ikun qiegħed jużurpa l-funzjonijiet ta' dak l-organu amministrattiv;*

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Ra n-Noti ta' Sottomissjonijiet tal-partijiet;

Sema' t-trattazzjoni finali tad-difensuri tal-partijiet;

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għal sentenza finali.

**Ikkunsidra:**

Ir-rikorrenti ħassitha aggravata bid-deċiżjoni tal-Kunsill intimat datata 24 ta' Jannar 2022 li permezz tagħha l-istess Kunsill sabha ħatja ta' ksur ta' diversi prinċipji tal-Kodiċi tal-Etika u Prattika għall-Għalliema, u ċioe`:

***Fir-rigward tal-Prinċipju Ewlieni numru wieħed, li l-għalliema għandhom iżommu Fiduċja fil-Professjoni u b'mod partikolari r-<u>Regolament 1.1</u>, li l-għalliema għandhom jibbażaw ir-relazzjoni tagħhom ma' kull student fuq fiduċja u rispett reċiproku, <u>il-Kunsill ma jqisx illi l-imġiba in eżami jikkostitwixxi ksur ta' dan il-prinċipju.</u>***

***Fir-rigward tal-Prinċipju Ewlieni numru wieħed, li l-għalliema għandhom iżommu l-Fiduċja fil-Professjoni u b'mod partikolari r-<u>Regolament 1.2</u>, li l-għalliema għandhom iqisu s-sigurta' u l-benesseri ta' kull student li jkunu qegħdin taħt ir-responsabbilita' tagħhom, <u>il-Kunsill kien unanimu fil-konklużjoni tiegħu illi l-imġiba in eżami jikkostitwixxi ksur ta' dan il-prinċipju</u>. Il-Kunsill jikkunsidra illi n-nuqqasijiet li uriet s-Sa Galea waqt id-diversi sessjonijiet fil-laboratorju li ġew eżaminati kienu serji u li b'riżultat is-sigurta' tal-istudenti tagħha ġiet mheddha.***

*Fir-rigward tal-Prinċipju Ewlieni numru wieħed, li l-għalliema għandhom iżommu l-Fiduċja fil-Professjoni u b'mod partikolari r-Regolament 1.3, li l-għalliema għandhom jirrispettaw il-karatteristiċi uniċi u diversi tal-komunita' edukattiva li jkunu jiffurmaw parti minnha, il-Kunsill ma jqisx illi l-imġiba in eżami jikkostitwixxi ksur ta' dan il-prinċipju.*

*Fir-rigward tal-Prinċipju Ewlieni numru wieħed, li l-għalliema għandhom iżommu l-Fiduċja fil-Professjoni u b'mod partikolari r-Regolament 1.5, li l-għalliema għandhom jiżviluppaw u jżommu relazzjonijiet tajba mal-ġenituri u min jieħu ħsieb it-tfal, il-Kunsill ma jqisx illi l-imġiba in eżami jikkostitwixxi ksur ta' dan il-prinċipju.*

*Fir-rigward tal-Prinċipju Ewlieni numru wieħed, li l-għalliema għandhom iżommu l-Fiduċja fil-Professjoni u b'mod partikolari r-Regolament 1.8, li l-għalliema għandhom jassumu responsabbilita' biex tinżamm il-kwalita' tal-prattika professjonali tagħhom, il-Kunsill kien unanimu fil-konklużjoni tiegħu illi l-imġiba in eżami jikkostitwixxi ksur ta' dan il-prinċipju. Il-Kunsill jikkunsidra illi s-Sa Galea naqset milli tassigura li tinżamm il-kwalita' fil-prattika professjonali tagħha u naqset milli tieħu l-passi meħtieġa biex tieħu ħsieb l-iżvilupp professjonali tagħha.*

*Fir-rigward tal-Prinċipju Ewlieni numru wieħed, li l-għalliema għandhom iżommu l-Fiduċja fil-Professjoni u b'mod partikolari r-Regolament 1.9, li jsostnu kunfidenza u fiduċja pubblika fil-professjoni tat-tagħlim, il-Kunsill ma jqisx illi l-imġiba in eżami jikkostitwixxi ksur ta' dan il-prinċipju.*

*Fir-rigward tal-Prinċipju Ewlieni numru wieħed, li l-għalliema għandhom iżommu l-Fiduċja fil-Professjoni u b'mod partikolari r-Regolament 1.10, li joħolqu esperjenzi ta' tagħlim li jkunu jinvolvu, jimmotivaw u joffru sfida lil kull student f'ambjent inkluživ f'perspettiva ta' tagħlim tul il-ħajja, il-Kunsill kien unanimu fil-konklużjoni tiegħu illi l-imġiba in eżami jikkostitwixxi ksur ta' dan il-prinċipju. Illi l-Kunsill jikkunsidra illi n-nuqqasijiet fil-pedagoġija tas-Sa Galea, kif ikkonfermati waqt din l-inkjesta ħolqu sitwazzjoni fejn l-esperjenza tat-tagħlim ma kinitx waħda kif jistħoqq.*

*Fir-rigward tal-Prinċipju Ewlieni numru tnejn, li l-għalliema għandhom iżommu Relazzjonijiet Professjonali mal-Istudenti u b'mod partikolari r-Regolament 2.4, li jsegwu policies ta' maniġġar ta' mġiba u ta' skejjel siguri, kif ukoll linji gwida kif diretti mill-iskola, kulleff u awtoritajiet edukattivi rilevanti, il-Kunsill kien unanimu fil-konklużjoni tiegħu illi l-imġiba in eżami jikkostitwixxi ksur ta' dan il-prinċipju. Il-Kunsill jikkunsidra illi n-nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti ta' sigurta' fil-laboratorju daparti tas-Sa Galea jmur kontra dan il-prinċipju.*

*Fir-rigward tal-Prinċipju Ewlieni numru tnejn, li l-għalliema għandhom iżommu Relazzjonijiet Professjonali mal-Istudenti u b'mod partikolari r-Regolament 2.6, li jġibu ruħhom b'attitudni u mġiba professjonali f'kull waqt, il-Kunsill ma jqisx illi l-imġiba in eżami jikkostitwixxi ksur ta' dan il-prinċipju.*

*Fir-rigward tal-Prinċipju Ewlieni numru erbgħa, li l-għalliema għandhom iżommu Li jaħdmu b'Mod Kollaborattiv mal-Kollegi, Ġenituri u Tuturi u Min jieħu ħsieb it-tfal Professjonali mal-Istudenti u b'mod partikolari r-Regolament 4.7, li jiżviluppaw relazzjonijiet tajbien bejn id-dar u l-iskola, filwaqt li jirrispettaw ir-rwol tal-ġenitur, tutur jew min jieħu ħsieb it-tfal fl-edukazzjoni tal-istudenti, il-Kunsill ma jqisx illi l-imġiba in eżami jikkostitwixxi ksur ta' dan il-prinċipju.*

*Fir-rigward tal-Prinċipju Ewlieni numru erbgħa, li l-għalliema għandhom iżommu Li jaħdmu b'Mod Kollaborattiv mal-Kollegi, Ġenituri u Tuturi u Min jieħu ħsieb it-tfal Professjonali mal-Istudenti u b'mod partikolari r-Regolament 4.8, li sa fejn ikun possibbli, jinvolvu u jaħdmu b'mod pożittivament mal-ġenituri b'mod miftuħ u ta' rispetto, il-Kunsill ma jqisx illi l-imġiba in eżami jikkostitwixxi ksur ta' dan il-prinċipju.*

*Fir-rigward tal-Prinċipju Ewlieni numru ħamsa, li l-għalliema għandhom jimxu b'Onesta u Integrita' mal-membri tal-Professjoni tat-Tagħlim u b'mod partikolari r-Regolament 5.1, li jkunu konformi ma' dawk il-policies u proċeduri dwar kif għandhom jintużaw il-proprjeta', il-faċilitajiet, il-finanzi u l-ICT fl-ambjent edukattiv tagħhom, sew jekk ikunu maħruġa mill-iskola jew il-kulleġġ tagħhom, u sew jekk ikunu policies u proċeduri edukattivi maħruġa f'livell nazzjonali, il-Kunsill kien unanimu fil-konklużjoni tiegħu illi l-imġiba in eżami jikkostitwixxi ksur ta' dan il-prinċipju. Il-Kunsill jikkunsidra illi s-Sa Galea naqset milli tagħmel użu xieraq tal-laboratorji u tal-interactive whiteboard li kellha għad-dispożizzjoni tagħha.*

*Fir-rigward tal-Prinċipju Ewlieni numru ħamsa, li l-għalliema għandhom jimxu b'Onesta u Integrita' mal-membri tal-Professjoni tat-Tagħlim u b'mod partikolari r-Regolament 5.2, li b'integrita' u b'konformita' ma' regolamenti u proċeduri uffiċjali, jagħmlu ħidmiet relatati mal-assessjar u mal-eżamijiet, il-Kunsill kien unaniu fil-konklużjoni tiegħu illi l-imġiba in eżami jikkostitwixxi ksur ta' dan il-prinċipju. Il-Kunsill jikkunsidra illi s-Sa Galea naqset milli tippjana u teżegwixxi sewwa l-esperimenti li huma parti integrali tal-eżami tas-SEC.*

*Fir-rigward tal-Prinċipju Ewlieni numru ħamsa, li l-għalliema għandhom jimxu b'Onesta u Integrita' mal-membri tal-Professjoni tat-Tagħlim u b'mod partikolari r-Regolament 5.5, li jkunu konxji tal-pożizzjoni tagħhom bħala mudell ta' mġiba għall-istudenti, il-Kunsill ma jqisx illi l-imġiba in eżami jikkostitwixxi ksur ta' dan il-prinċipju.*

*Fir-rigward tal-Prinċipju Ewlieni numru ħamsa, li l-għalliema għandhom jimxu b'Onesta u Integrita' mal-membri tal-Professjoni tat-Tagħlim u b'mod partikolari r-Regolament 5.6, li kemm fil-ħajja personali u professjonali tagħhom, ikunu konxji tal-imġiba u l-attitudni tagħhom, hekk li dawn jistgħu jkollhom impatt fuq il-professjoni li jkunu jirrappreżentaw, il-Kunsill ma jqisx illi l-imġiba in eżami jikkostitwixxi ksur ta' dan il-prinċipju.*

*Fir-rigward tal-Prinċipju Ewlieni numru sitta, li l-għalliema għandhom iżommu Aġġornati l-Għarfien u l-Prattika Professjonali tagħhom il-membri tal-Professjoni tat-Tagħlim u b'mod partikolari r-Regolament 6.1, li jżommu standards ta' prattika għoljin fir-rigward tat-tagħlim, organizzazzjoni tal-klassi, ippjanar, sorveljanza, assessjar u rappurtar, il-Kunsill kien unanimu fil-konklużjoni tiegħu illi l-imġiba in eżami jikkostitwixxi ksur ta' dan il-prinċipju. Il-Kunsill jikkunsidra illi n-nuqqasijiet fil-pedagoġija tas-Sa Galea identifikati waqt dan il-proċess, jikkostitwixxu ksur ta' dan il-prinċipju.*

*Fir-rigward tal-Prinċipju Ewlieni numru sitta, li l-għalliema għandhom iżommu Aġġornati l-Għarfien u l-Prattika Professjonali tagħhom il-membri tal-Professjoni tat-Tagħlim u b'mod partikolari r-Regolament 6.2, li jżommu l-għarfien u l-ħiliet professjonali tagħhom aġġornati tul il-karriera tagħhom ta' għallliema, il-Kunsill kien unanimu fil-konklużjoni tiegħu illi l-imġiba in eżami jikkostitwixxi ksur ta'*

***dan il-prinċipju*. Il-Kunsill jikkunsidra illi s-Sa Galea naqset milli tagħmel dan fejn jidħol l-użu tat-teknoloġija fil-klassi u l-applikazzjoni ta' metodi tat-tagħlim aġġornati.**

***Fir-rigward tal-Prinċipju Ewlieni numru sitta, li l-għalliema għandhom iżommu Aġġornati l-Għarfien u l-Prattika Professjonali tagħhom il-membri tal-Professjoni tat-Tagħlim u b'mod partikolari r-Regolament 6.3, li jżommu aġġornat l-għarfien tagħhom dwar linji gwida u żviluppi edukattivi relatati mal-kariga u rwol tagħhom ta' għalliema u fir-rigward tat-tagħlim b'mod ġenerali, il-Kunsill kien unanimu fil-konklużjoni tiegħu illi l-imġiba in eżami jikkostitwixxi ksur ta' dan il-prinċipju. Il-Kunsill jikkunsidra illi s-Sa Galea naqset milli tagħmel dan u fuq ammissjoni tagħha stess hija fittxet l-għajnuna biex taġġorna ruħha biss meta ġibdilha l-attenzjoni S-sur Mercieca.***

***Fir-rigward tal-Prinċipju Ewlieni numru sitta, li l-għalliema għandhom iżommu Aġġornati l-Għarfien u l-Prattika Professjonali tagħhom il-membri tal-Professjoni tat-Tagħlim u b'mod partikolari r-Regolament 6.4, li jirriflettu u jivvalutaw il-mod li bih jeżerċitaw il-ħidma tagħhom bħala parti mill-iżvilupp professjonali kontinwu tagħhom, il-Kunsill kien unanimu fil-konklużjoni tiegħu illi l-imġiba in eżami jikkostitwixxi ksur ta' dan il-prinċipju. Il-Kunsill jikkunsidra illi s-Sa Galea naqset għalkollox milli tagħmel dan u li huwa proprju dan in-nuqqas li waqqaf lis-Sa Galea milli ttejjeb il-ħidma tagħha.***

***Fir-rigward tal-Prinċipju Ewlieni numru sitta, li l-għalliema għandhom iżommu Aġġornati l-Għarfien u l-Prattika Professjonali tagħhom il-membri tal-Professjoni tat-Tagħlim u b'mod partikolari r-Regolament 6.5, li jkunu miftuħin u jirrispondu pożittivament għal kummenti u Suġġerimenti kostruttivi dwar il-prattiċi ta' tagħlim tagħhom, il-Kunsill kien unanimu fil-konklużjoni tiegħu illi l-imġiba in eżami jikkostitwixxi ksur ta' dan il-prinċipju. Il-Kunsill jikkunsidra illi s-Sa Galea naqset għalkollox milli tagħmel dan, u dan joħroġ ċar fin-Nota ta' Kritika. Fejn is-Sa Galea sostniet li hija rranġat dak kollu li qalilha s-Sur Mercieca, il-Kunsill xorta jqis illi kien hemm ksur ta' dan ir-regolament għaliex is-Sa Galea ma kinitx miftuħa għal dik il-kritika: u rranġat l-affarijiet superfiċjali iżda naqset milli tifhem u tindirizza n-nuqqasijiet importanti.***

***Fir-rigward tal-Prinċipju Ewlieni numru sitta, li l-għalliema għandhom iżommu Aġġornati l-Għarfien u l-Prattika Professjonali tagħhom il-membri tal-Professjoni tat-Tagħlim u b'mod partikolari r-Regolament 6.6, li jiksbu sostenn, pariri u gwida fejn dawn ikunu meħtieġa, il-Kunsill kien unanimu fil-konklużjoni tiegħu illi l-imġiba in eżami jikkostitwixxi ksur ta' dan il-prinċipju. Il-Kunsill jikkunsidra illi s-Sa Galea naqset milli tagħmel dan b'mod tempestiv u fuq l-inizjattiva tagħha.***[1]

Konsegwenza ta' dan, ġie rakkomandat lill-Ministru intimat li l-*warrant* tagħha jiġi mħassar biex b'hekk ma tkunx tista' tibqa' tipprattika l-professjoni ta' għalliema.

Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi r-rikorrenti iggradwat mill-Universita ta' Malta fil-livell ta' Masters fis-suġġetti tal-Bioloġija u *Integrated Science*. Jirriżulta wkoll illi hija għamlet numru ta' snin sostanzjali

[1] A fol. 312 sa 316

tgħallem b'*warrant temporanju* sakemm kisbet *warrant* permanenti in vista li ssodisfat il-kriterju ta' snin ta' esperjenza bħala għalliema. Minkejja li kienet iggradwat fis-suġġetti msemmija hawn fuq, hija ngħatat l-inkarigu li tgħallem is-suġġett tal-Kimika, pero` dan sar għaliex kienet hi li proprju applikat biex tgħallem dan is-suġġett. Fix-xhieda tagħha, r-rikorrenti spjegat li għamlet dan il-pass peress li kienet qed teħel fl-intervisti li kienet qed tagħmel biex tgħallem is-suġġetti l-oħra li kienet ikkwalifikata fihom.

Mill-provi prodotti jirriżulta illi ġraw ammont ta' inċidenti li wasslu lill-uffiċjali tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni biex juru t-tħassib tagħhom dwar ir-rikorrenti u li eventwalment jieħdu provvedimenti fil-konfront tagħha. Ir-rikorrenti tattribwixxi d-diversi nuqqasijiet riskontrati għall-fatt li ħadd ma kkunsidra li hija tpoġġiet fl-impossibilita` li tgħallem kif suppost u dana għaliex ġiet sfurzata tgħallem suġġett li l-għarfien tagħha dwaru kien wieħed limitat. Hija saħqet li dan in-nuqqas fl-għarfien u prattika fis-suġġett tal-Kimika wassal għal frustrazzjoni u eventwalment żbalji li għalihom kellha twieġeb ir-rikorrenti. Minn eżami tal-atti, fil-fehma ta' dan it-Tribunal, l-iżbalji kienu serji ħafna, u xi drabi anke ta' perikolu kbir għall-istudenti. Dawn in-nuqqasijiet jinsabu kollha elenkati fid-deċiżjoni appellata u li tinsab esebita a fol. 212 sa 316 tal-proċess. Din id-deċiżjoni ġiet xprunata minn rapport imressaq quddiem il-Kunsill intimat mill-Prinċipal tal-Kulleġġ Maria Reġina fid-29 ta' Awwissu 2016 li kien jgħid is-segwenti, u ċioe`:

***Ms. Galea began teaching Chemistry at Maria Regina College Mosta Girl's Secondary in early November 2015.***

***She lacked the personality, the confidence, the pedagogy and the know-how that are so important in the teaching and learning process. Her class control and the delivery of the lessons were very poor. Her questioning techniques and student involvement left much to be desired. Overall, the student's entitlement is at risk.***

***Complaints by students and parents began immediately and continued throughout the year. Particularly, they complained that the textbook is not being used; that the students are not understanding her; that she is not explaining well; she overtly showed uncertainty, both about the syllabus in general and about certain topics in particular.***

***Mr M Mercieca, Education Officer (EO) Chemistry, was roped in immediately. He visited her on 16/11/2015, 30/11/2015. 13/01/2016, 20/02/2016, 12/05/2016. Two confidential reports dated 4th February and 20th June are attached (attachment 1 and two respectively). He observed that her teaching file was in order including the scheme of work, forecast and record of work. However, he found her to be lacking in her overall performance and delivery of lessons. He advised her to make her lessons more student-centred by involving all students, to improve her questioning techniques by asking a range of questions and to use the interactive whiteboard effectively.***

***Besides the support from the EO, the School Senior Leadership Team (SLT) supported her as much as it could but this inefficiency lasted till the end of the scholastic year. The Head of School (HoS) drew reports (see attachment 3). A sample of a parent's query which reached the Ministry of Education and the resultant correspondence, are found in attachment 4.***

***The 16th May incident further depicted a serious situation which could be hazardous to the health of all those involved. The lab had to be evacuated because of choking fumes of acid after an experiment which went wrong. This was caused by uncautious ways chemicals were handled and the lack of precautions taken. There was a similar incident, during a practical session, a few days after the first one. Certain mistakes when handling chemicals and poor ventilation led to choking fumes and acid burns on a uniform. In both incidents it was evident that basic health and safety issues were not well addressed. Details are found in the report by HoS (attachment 3).***

***I therefore endorse the EO's recommendation that Ms Galea's contract not be renewed.***[2]

Wara li l-Kunsill intimat irċieva dan ir-rapport huwa nieda Inkjesta li fiha nstemgħu għadd ta' xhieda u ġew ippreżentati għadd ta' rapporti li ħejjew diversi uffiċjali tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni dwar ir-rikorrenti wara viżti li huma kienu għamlu fl-iskejjel fejn kienet tgħallem.

Minn qari tad-deċiżjoni appellata jirriżulta li l-Kunsill intimat iffoka prinċipalment fuq tliet inċidenti separati li skont l-istess Kunsill kienu jirrigwardaw is-saħħa u s-sigurta` tal-istudenti li kienet tgħallem ir-rikorrenti. Dawn l-inċidenti saret referenza sintetika għalihom fid-deċiżjoni appellata u ġew deskritti bil-mod segwenti:

***L-ewwel inċident li saret referenza għalih kien dak li kien preżenti għalih is-Sur Mario Muscat waqt li hu inzerta li kien qed jagħmel viżta fl-Iskola Nazzjonali tal-Isport fit-12 ta' Marzu 2015. Din kienet lezzjoni tal-Integrated Science ma' studenti tal-Form 2. Il-Kunsill ifakkar li l-Integrated Science huwa suġġett li l-istudenti kollha jridu jagħmlu sal-Form 2 u li dawn huma studenti li jkollhom bejn tnax u tlettax-il sena.***

***Fir-rapport tiegħu s-Sur Muscat indika li waqt din il-lezzjoni s-Sa Galea għamlet esperiment biex turi li jekk tqabbad fuel dan jipproduċi gassijiet u għal dan il-għan għamlet ftit fuel (kerosene) ġo kontenitur u tatu n-nar. Minħabba d-dħaħen li ħarġu l-fire alarm li kien hemm beda jdoqq. Is-Sa Galea xehdet li bħala parti mill-esperiment hija kellha tuża miżien elettroniku u l-uniku plakk li kien hemm kien proprju taħt il-fire alarm. Is-Sa Galea sostniet ukoll li kien hemm biss duħħan ħafif ħafna u li fl-ebda mument ma kien hemm nar jew xi periklu.***

***Mix-xhieda tas-Sur Muscat u anki fir-rapport li kiteb, jidher ċar li s-Sur Muscat semma dan l-inċident mhux għax kien hemm xi nar jew periklu immedjat għat-tfal, iżda għaliex hu identifika diversi nuqqasijiet min-naħa tas-Sa Galea waqt dak l-esperiment. Dawn in-nuqqasijiet kienu ta' pedagoġija, fis-sena li s-Sur Muscat***

[2] A fol. 537 sa 538

*innota li s-Sa Galea naqset milli tispjega l-proċedura u l-iskop tal-esperiment, naqset milli tagħmel l-osservazzjonijiet xjentifiċi ta' dak li kien qed jiġri u m'għenitx lill-istudenti biex jagħmlu rabta bejn dan l-esperiment u t-teorija tal-lezzjoni dwar Climate Change (1): Energy and the Environment.*

*Il-Kunsill ma jistax ma jaqbilx mas-Sur Muscat li huwa nuqqas pedagoġiku serju li għalliema ma tispjegax sewwa lill-istudenti tagħha l-iskop ta' lezzjoni u rilevanza tax-xogħol li qed isir. Fir-rigward tal-fatt li daqq il-fire alarm, huwa ċar li ma kienx hemm periklu għall-istudenti. Madanakollu hawnhekk jidher li kien hemm nuqqas ta' pjanar u attenzjoni, li wassal għal sitwazzjoni ta' konfużjoni waqt il-lezzjoni. Il-fatt li kien hemm naqra kommozzjoni kien ikkonfermat ukoll mis-Sur George Micallef, il-Kap tal-Iskola. Kien hemm diversi passi li setgħu ttieħdu biex jiġi evitat dan l-'inċident'. Jekk verament kien hemm biss plakka waħda fil-klassi u dan kien eżattament taħt l-alarm u ma setax jintuża miżien ieħor, l-esperiment ma kellux isir. Huwa ovvju li jekk inti tqabbad xi ħaġa, ikun xi jkun, taħt alarm dan ser idoqq. Il-fatt li ma kienx hemm periklu ta' nar jew dħaħen kbar, ma jnaqqasx mill-fatt li skont is-sistema tal-alarm, inċident bħal dan jew ser jikkawża konfużjoni sħiħa ġo skola minħabba l-passi li għandhom jittieħdu meta jdoqq fire alarm jew inkella ser tgħaddi messaġġ lill-istudenti li meta jdoqq l-alarm m'hemmx għalfejn tagħti kasu.*

*It-tieni inċident li ssemma kien l-inċident fl-iskola Sekondarja tal-Bniet tal-Mosta (eks Lily of the Valley) fis-16 ta' Mejju 2016, fejn skont ir-rapport tas-Sa Lina Deguara, li dak iż-żmien kienet Kap tal-Iskola, kien hemm inċident fil-laboratorju li kien jinvolvi l-ħruq t'aċidu. Skont ir-rapport tas-Sa Deguara dakinhar tal-inċident ċemplitilha s-Sa Cilia, li kienet Assistent Kap, biex tgħidilha li kien hemm kommozzjoni fil-laboratorju ta' ħdejn l-uffiċċju tagħha u dan minħabba li waqt lezzjoni tas-Sa Galea sar esperiment u għal xi raġuni kien hemm ħafna dħaħen ġol-klassi.*

*Il-Kunsill sema' diversi xhieda li setgħu jitfgħu dawl fuq dan l-inċident. Il-Kunsill jibda billi jirrileva illi ħadd ma weġġa' waqt dan l-inċident u li ma kienx hemm konsegwenzi serji. Madanakollu l-Kunsill jinnota li kien hemm konsistenza fost ix-xhieda li kien hemm inċident dakinhar fil-laboratorju u li bħala stat ta' fatt kien hemm dħaħen fil-laboratorju kkawżati mill-ħruq ta' aċidu.*

*Il-Kunsill iqis li x-xhieda li kienu rilevanti għal dan l-inċident kienu proprjament s-Sa Galea li kienet preżenti mill-bidu sal-aħħar u x-xhieda tas-Sa Cilia li daħlet fil-laboratorju fil-mumenti wara li ġara l-inċident u li nzertat hija kwalifikata fis-suġġett. Il-Kunsill beda billi kkunsidra x-xhieda tas-Sa Galea fejn qalet li dak l-inċident ma kienx it-tort tagħha iżda kien it-tort tal-lab technician li pprovda materjal ħażin u li dan l-istess technician ma kienx ta' min wieħed joqgħod fuqu.*

*Il-Kunsill imbagħad eżamina b'reqqa x-xhieda tas-Sa Cilia. Il-Kunsill innota li s-Sa Cilia hija kwalifikata fis-suġġett, għaldaqstant kwalsijasi osservazzjoni li għamlet kien wieħed tekniku u infurmat. Il-Kunsill jinnota wkoll li waqt ix-xhieda tagħha, is-Sa Cilia kienet ix-xhud li l-iktar uriet empatija u tama li s-Sa Galea setgħet ittejjeb il-prestazzjoni tagħha. Il-Kunsill innota wkoll li waqt ix-xhieda tagħha s-Sa Cilia kienet preċiża u li fl-ebda mument ma kien hemm xi diverġenzi bejn il-verżjoni li tat dakinhar tal-inċident u x-xhieda tagħha quddiem il-Kunsill. Il-Kunsill jisħaq li ma hemm l-ebda raġuni għalfejn il-ġenwinita' u l-esperjenza tas-Sa Cilia għandhom jiġu ddubitati.*

*Il-Kunsill ikkunsidra x-xhieda tas-Sa Cilia fejn spjegat li meta daħlet ġol-laboratorju ma kien hemm l-ebda dubju li d-dħaħen kienu ta' Hydrogen Sulphite u li dan il-gas huwa kkważat minn reazzjoni bejn sulpharic acid u metal. Is-Sa Cilia xehdet li dan jirriżulta biss jekk l-aċidu jkun ikkonċentrat u ma jkunx imħallat (diluted) kif suppost għall-istudenti ta' dik l-eta', u li dawk l-istess dħaħen kienu perikolużi. Is-Sa Cilia spjegat li r-riħa tad-dħaħen tal-Hydrogen Sulphite tingħaraf mill-ewwel mix-xjentisti għaliex jibżgħu ħafna minnha peress li tista' anki tkun letali. Il-Kunsill innota wkoll l-ispjega tas-Sa Cilia, anki li kieku stess l-aċidu provdut mil-lab technician kien skadut, dana se mai kien jirriżulta f'kimika iktar dgħajfa u mhux iktar perikoluża. Is-Sa Cilia qalet li kieku s-Sulpharic Acid kien imħallat kif suppost, ir-riżultat tar-reazzjoni ma seta' qatt kien dħaħen tal-Hydrogen Sulphite. Is-Sa Cilia fakkret ukoll li r-responsabbilita' finali sabiex tassigura li l-kimika tkun imħallta kif suppost hija tal-għalliema, u li anki kieku f'xi mument il-lab technician naqas, kienet responsabbilita' tas-Sa Galea, bħala l-għalliema li qed tmexxi l-klassi, biex tassigura li l-apparat u l-materjal li ntużaw waqt l-esperiment kienu skont l-istandards aċċettati ta' saħħa u s-sigurta'.*

*Is-Sa Cilia xehdet illi meta daħlet fil-laboratorju u xammet ir-riħa ta' Hydrogen Sulphite, innotat ukoll li fuq il-bank kien hemm flixkun kannella tal-aċidu, u ċioe flixkun tal-aċidu kkonċentrat. Hija prassi li fil-laboratorju l-aċidu kkonċentrat jinżamm ġo fliexken kannella u li meta dan ikun imħallat sabiex jingħata lill-istudenti jitpoġġa ġo fliexken trasparenti. Din mhijiex prassi ta' din l-iskola iżda waħda universali. Il-Kunsill jirrileva li s-Sa Cilia, bħala esperta fis-suġġett u li kienet preżenti fil-mumenti wara li seħħ l-inċident xehdet li ma kien hemm l-ebda dubju li r-riħa li xammet kien dak li wieħed jistenna meta jinħaraq aċidu kkonċentrat. Is-Sa Cilia spjegat ukoll li qatt ma għandu jkun hemm aċidu kkonċentrat f'laboratorju ta' studenti ta' dan il-livell, u li l-aċidu għandu jkun imħallat għal studenti tas-sekondarja fil-livell ordinarju.*

*Il-Kunsill innota wkoll l-preċiżjoni li biha s-Sa Cilia xehdet dwar is-sitwazzjoni fil-laboratorju b'mod partikolari: il-fjammi tal-bunsen burners, il-fatt li stqarret li ma setgħetx tgħid jekk il-fannijiet kinux mixgħula waqt l-esperiment jew wara u li t-twieqi kienu għadhom magħluqin. Is-Sa Galea argumentat li ma jistax ikun li f'dik il-konfużjoni s-Sa Cilia kellha ċ-ċans tinnota l-fjamma tal-bunsen burner u dawn id-dettalji kollha. Hawnhekk il-Kunsill ma jistax jaqbel mas-Sa Galea. Il-Kunsill jifhem u japprezza li huwa proprju d-dmir ta' persuna li hija mħarrġa fis-suġġett li tagħmel apprezzament ta' sitwazzjoni, anki f'emerġenza. Iktar minn hekk huwa essenzjali li f'sitwazzjoni ta' perikolu persuna mħarrġa tgħarbel is-sitwazzjoni u tidentifika l-passi li għandhom jittieħdu f'qasir żmien. Fix-xhieda tagħha s-Sa Galea donnha riedet tixħet dubju fuq il-kredibilita' tas-Sa Cilia u tat x'tifhem li dan l-apprezzament fi ftit sekondi huwa impossibbli. Il-Kunsill madanakollu, jaf u jemmen li apprezzament fi ftit sekondi huwa possibbli u mistenni minn min qiegħed f'pożizzjoni ta' responsabbilita' t'laboratorju.*

*Il-Kunsill sema' l-ispjega tas-Sa Galea, u l-uniku raġuni li tat għal dan l-inċident kien li l-kimika li kienet pprovduta kienet difettuża. Il-Kunsill, wara li sema' x-xhieda kollha li jifhmu fis-suġġett u anki minħabba l-esperjenza teknika ta' diversi membri tal-Kunsill, seta' jikkonkludi li l-unika spjega għad-dħaħen li kien hemm, hija li ntuża aċidu li ma kienx imħallat kif suppost, u li r-responsabbilita' sabiex tassigura li l-aċidu li qed jintuża waqt esperiment mill-istudenti fis-sekondarja ma jkunx ikkonċentrat, hija tal-għalliema.*

*Il-Kunsill jinnota wkoll li meta daħlet fil-laboratorju s-Sa Cilia, hija kellha tieħu s-sitwazzjoni f'idejha sabiex tassigura li ttieħdu dawk il-passi meħtieġa sabiex jiġi assigurat is-saħħa u s-sigurta' tal-istudenti. Is-Sa Cilia tat x'tifhem li s-Sa Galea kienet maħsuda u li dan kien mistenni. Il-Kunsill japprezza l-empatija li write is-Sa Cilia lejn is-Sa Galea, madanakollu l-Kunsill ma jistax jinjora l-fatt li kellha tkun is-Sa Cilia biex tieħu passi bażiċi bħalma huma: li tevakwa l-laboratorju mill-istudenti, titlob li jintfew il-bunsen burners, li jinfetħu t-twieqi u jingħalqu l-bibien sabiex id-dħaħen joħorġu barra u ma jinfirxux fl-iskola. Il-Kunsill ma jistax jassumi x'kien jiġri kieku ma daħlitx is-Sa Cilia, iżda huwa ċar li s-Sa Galea ma kinitx ħadet kontroll tas-sitwazzjoni. Fil-ħajja kwotidjana ma nippretendux li kull persuna jkollha l-kapaċita' li tmexxi effettivament f'sitwazzjoni ta' kriżi. Madanakollu huwa mistenni li għalliema tax-xjenza jkollha l-ħiliet li tipprepara għal esperiment sabiex sa fejn jista' jkun l-inċidenti jiġu evitati, u li meta jkun hemm inċident tieħu l-passi neċessarji f'waqthom.*

*Il-Kunsill ma jippretendix il-perfezzjoni mingħand l-għalliema, madanakollu l-Kunsill ma jistax ma jikkundannax l-użu ta' kimika li mhijiex imħallta kif suppost. Anki jekk il-materjal huwa ppreparat mit-technician, hija responsabbilita' tal-għalliema li tivverifika li dan sar sewwa. L-istess jgħodd għall-flixkun tal-aċidu fuq il-bank. Huwa irrelevanti jekk dan kien fil-fume cupboard jew fuq il-bank, u jekk tħalliex hemmhekk mil-lab technician. Bħala l-għalliema responsabbli għall-klassi kien id-dover tas-Sa Galea li tara li dan il-flixkun kien imsakkar xħin daħlu l-istudenti.*

*Il-Kunsill irreġistra wkoll li s-Sa Cilia sostniet li l-fjamma tal-bunsen burner kien ta' kulur oranġjo u li għaldaqstant din mhix fjamma stabbli u tat-temperatura rakkomandata waqt esperiment. Is-Sa Cilia spjegat, u l-Kunsill fehem, li l-fjamma tal-bunsen burner waqt esperiment għandha dejjem tkun fjamma blu u dan għal raġunijiet ta' sigurta'. Il-Kunsill jaf li l-istudenti jkunu qed jagħmlu l-esperiment huma u l-apparat ikun f'idejhom, madanakollu ma hemm l-ebda dubju li hija r-responsabbilita' tal-għalliema li toqgħod għassa u tassigura li l-apparat kollu qed jintuża mill-istudenti skont is-sengħa u b'mod propizju.*

*Għaldaqstant meta jqis il-provi li ġew ippreżentati dwar dan l-inċident il-Kunsill iqis li kien hemm nuqqas ta' preparazzjoni u sorveljanza min-naħa tas-Sa Galea u b'kawża ta' dan inħaraq aċidu li ma kienx imħallat u li dan ikkawża dħaħen li kienu perikolużi ħafna, u li wara li ġara l-inċident is-Sa Galea ma ħaditx il-passi meħtieġa biex tissalvagwardja l-benesseri tal-istudenti. Il-Kunsill ma jista' qatt jinjora jew jiġġustifika nuqqasijiet li huma daqshekk gravi u li setgħu kellhom konsegwenzi serji.*

*It-tielet inċident ukoll seħħ fl-iskola Sekondarja tal-Bniet tal-Mosta, fejn waqt esperiment studenta ħarqet l-uniformi bl-aċidu għaliex ma kinitx liebsa l-lab coat. Hawnhekk ukoll il-Kunsill jirrikonoxxi li l-istudenta ma sofrietx ġrieħi serji. Is-Sa Galea xehdet li hi kienet tfakkar lill-istudenti li għandhom iġibu l-lab coat u li kienet tavżahom meta kien ser isir l-esperiment minn qabel. Is-Sa Galea osservat ukoll li l-iskola ma kinitx tipprovdi lab coats u li għaldaqstant l-istudenti kellhom iġibuhom huma mid-dar. Il-passi li ħadet is-Sa Galea qabel is-sessjonijiet fil-laboratorju f'dan ir-rigward kienu suffiċjenti u raġjonevoli. Madanakollu jirriżulta mix-xhieda tas-Sa Galea li hi kellha diversi studenti li ripetutament kienu jinsew il-lab coat jew in-nuċċali protettiv u li ma kinux jiġbru xagħarhom waqt l-esperimenti. Is-Sa Galea argumentat fit-tul li meta kien jiġri hekk hija ma kellhiex*

*alternattiva ħlief li tħallihom jagħmlu l-esperiment xorta waħda u dan għaliex kieku keċċiethom mill-klassi kienet tiġi ikkritikata li tellfithom l-esperiment u kienet tkun responsabbli kieku ġralhom xi ħaġa fil-ħin li kellhom ikunu magħha.*

*Il-Kunsill ifakkar li s-saħħa u s-sigurta' tat-tfal hija priorita' assoluta. Huwa ovvju li mhix ir-responsabbilita' tal-għalliema li tipprovdi l-lab coats u l-apparat ieħor lill-istudenti u li din hija responsabbilita' tal-istudenti u l-ġenituri tagħhom. Madanakollu t-ton u l-attitudni li bih is-Sa Galea esprimiet din l-osservazzjoni kien inkwetanti ħafna. Is-Sa Galea donnha kienet qed titkellem fuq adulti li kienu ser jagħmlu xi attivita' għal gost u li ma jinvolvix kimiċi u apparat. Fil-verita' anku fuq post tax-xogħol l-adulti għandhom jilbsu l-ilbies protettiv u jekk ma jagħmlux dan, f'każ ta' inċident jew spezzjoni huwa responsabbli wkoll s-supervisor jew manager. F'kuntest ta' skola r-responsabbilita' biex jinġieb l-ilbies protettiv huwa tal-istudent, iżda r-responsabbilita' sabiex ikun assigurat li student ma jipparteċipax f'esperiment jekk ma jkollux dan l-ilbies huwa tal-għalliem. It-tfal m'għandhomx jitkeċċew mill-klassi, għaliex jekk jiġri dan huma ser jitilfu l-lezzjoni li huma intitolati għaliha. Il-Kunsill jikkunsidra li f'ċirkostanzi bħal dawn l-istudenti li ma jġibux l-ilbies protettiv għandhom jinżammu ġol-laboratorju u jitħallew isegwu u josservaw l-istudenti l-oħra jagħmlu l-esperiment, iżda huma m'għandhomx jitħallew jippartevipaw fl-esperiment, anki jekk dan ma jinvolvix kimiċi u apparat perikoluż.*

*Il-Kunsill ifakkar li huwa prinċipju bażiku fil-pedagoġija u tal-classroom management li jekk ma hemmx konsegwenzi mhux ser ikollok kooperazzjoni mingħand it-tfal. Jekk ġimgħa wara l-oħra t-tfal li jitfaċċaw mingħajr ilbies protettiv, xorta waħda jitħallew jipparteċipaw fl-esperiment, huwa ovvju li mhu ser ikun hemm l-ebda inizjattiva min-naħa tagħhom biex iġibu magħhom dak li hemm bżonn.*

*Il-Kunsill jirrikonoxxi wkoll li r-regoli tas-sigurta' fil-laboratorju tant huma importanti li dawn jiġu mgħallma lill-istudenti tagħna sa mill-primarja u jiġu ripetuti sena wara l-oħra. Dawn ir-regola bażiċi huma komuni għax-xjenzi kollha u huma intiżi sabiex ikun assigurat li l-laboratorju jibqa' post sigur kemm ġo skola u anki fl-industrija. Ir-rispett ta' dawn ir-regoli u l-proċeduri, u d-dixxiplina li din tinvolvi hija parti essenzjali fil-formazzjoni tal-istudenti fis-suġġetti tax-xjenza. Għalliema ta' dawn is-suġġetti ma tista' qatt tieħu l-attitudni li xogħolha huwa li tavżahom, u minn hemm 'il quddiem sta għalihom. Sfortunatament is-Sa Galea ħadet din l-attitudni, li l-Kunsill ma jista' qatt japprova.*

*Il-Kunsill iqis li inċidenti żgħar iżolati ma humiex daqshekk rilevanti, madanakollu meta jkun hemm sensiela ta' inċidenti li setgħu ġew evitati, hemmhekk hemm indikazzjoni ta' problema li hija endemika u ta' tħassib. It-tliet inċidenti separati, individwalment jistgħu jidhru żgħar fil-konsegwenzi li effettivament irriżultaw, iżda huma indikattivi ta' nuqqasijiet serji. Fl-ewwel inċident kien hemm nuqqas ta' pjanar u ħsieb. Fit-tieni inċident kien hemm nuqqas ta' sorveljanza u preparazzjoni, użu ħażin ta' materjal u apparat u nuqqas t'azzjoni f'waqtha meta ġara l-inċident. Fit-tielet inċident kien hemm nuqqas ta' osservazzjoni tar-regoli bażiċi ta' sigurta' fil-laboratorju, liema regoli huma intiżi biex jipprevjenu l-inċidenti.*

*Il-fatt illi ma kienx hemm ġrieħi serji jew ħsara kbira ma jnaqqas xejn mill-gravita' ta' dawn l-inċidenti li juru nuqqas ta' apprezzament min-naħa tas-Sa Galea tar-responsabbilita' li għandha għalliema li qed tmexxi lezzjoni fil-laboratorju. Iktar*

***inkwetanti minn dak li ġara, hija r-reazzjoni tas-Sa Galea fejn xejnet it-tħassib li esprima s-Sur Muscat fuq l-ewwel inċident, sostniet li t-tort tat-tieni inċident kien kollu tal-lab technician, u li t-tielet inċident kien ir-responsabbilita' tal-istudenta li nsiet il-lab coat. L-unika dispjaċir li kellha s-Sa Galea kien li ma rrappurtatx it-technician. Is-Sa Galea ma ħadet xejn minn dawn l-inċidenti, ma kien hemm l-ebda riflessjoni u l-ebda ħjiel li kienet ser titgħallem minn dawn is-sitwazzjonijiet.***

***L-argument tas-Sa Galea li hija inġustizzja kbira li s-sillabu jeżiġi li l-istudenti jagħmlu l-esperimenti huma stess, iżda jekk iweġġgħu t-tfal hija responsabbilita' tal-għalliema, hija waħda inaċċettabbli u redikola. Huwa appuntu dan l-iskop kollu tas-sillabu u għalfejn għalliem ikun preżenti f'dawn il-mumenti. L-irwol tal-għalliema fil-kuntest tal-laboratorju m'huwiex biss li tgħaddi l-informazzjoni dwar is-suġġett, iżda li tgħallem lit-tfal jirrispettaw ir-regoli tas-sigurta' u li tgħallem l-użu responsabbli tal-apparat u l-materjal li qed jaħdmu bihom.[3]***

Illi t-Tribunal qara bir-reqqa d-deċiżjoni appellata, deċiżjoni li daħlet fid-dettall ta' dak li qal kull xhud u wieżnu b'mod mill-aktar oġġettiv. Mill-provi mressqa quddiem il-Kunsill intimat jirriżulta illi filwaqt li fis-suġġett tal-Kimika r-rikorrenti kellha diffikultajiet konsiderevoli kemm mil-lat prattiku tas-suġġett u kif ukoll kif tgħallem l-istess suġġett, jirriżulta li kellha wkoll xi diffikultajiet fis-suġġett tal-*Integrated Science*, u ċioe` suġġett li hija kisbet livell ta' Masters dwaru. Għal dawn in-nuqqasijiet imressqa fil-konfront tagħha, r-rikorrent wieġbet illi l-istess nuqqasijiet kienu żgħar u setgħu jiġu faċilment korretti. Hija sostniet li fl-ewwel snin tal-professjoni tagħha qatt ma kellha problemi, u kien biss meta ġew introdotti l-Uffiċjali Edukattivi li bdew jinqalgħu l-problemi.

Wara evalwazzjoni tal-provi kollha miġjuba quddiemu, il-Kunsill intimat ħa s-segwenti deċiżjoni, u ċioe`:

***<u>Il-Kunsill jirrakkomanda kif ġej:</u>***

***Għar-raġunijiet hawn suesposti l-Kunsill jiddetermina illi ġie ppruvat li l-imġiba tas-Sa Galea kisret diversi Prinċipji tal-Kodiċi tal-Etika u Prattika għall-Għalliema kif maħsub mill-Artiklu 31(2)(b) tal-Att dwar l-Edkuazzjoni u li per di piu l-imġiba tas-Sa Galea jammonta għal imġiba professjonali ħażina u inkompetenza ai termini tal-Artiklu 31(1) u li s-Sa Galea write nuqqas ta' ħila fil-prattika tal-professjoni tal-għalliema jew fit-twettiq ta' dmir jew obbligazzjoni fil-prattika ta' għalliema kif maħsub mill-Artiklu 31(2)(f).***

***Għaldaqstant il-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Għalliema, unanimament jirrakkomanda t-tħassir tal-warrant ta' għalliem bin-numru 11329 tas-Sa Giselle Galea u dan skont l-Artiklu 31(4) tal-Att dwar l-Edukazzjoni.***

***Dan it-tħassir ser jiġi annotat fir-Reġistru Uffiċjali tal-Għalliema ai termini tal-Artiklu 31(5) tal-Att dwar l-Edukazzjoni u avviż ta' dan għandu jsir ai termini tal-Artiklu 30(2) tal-istess Att.***

---

[3] A fol. 298 sa 302

***Il-Kunsill ifakkar illi skont l-Artiklu 38(3) tal-Edukazzjoni, "Kull persuna li, mea ma tkunx id-detentur ta' warrant ..., teżerċita l-professjoni ta' għalliem jew tagħmel xi xogħol ta' tagħlim bi ksur tad-diżpożizzjonijiet ta' dan l-Att, tkun ħatja ta' reat kontra dan l-Att." Għaldaqstant is-Sa Galea hija mfakkra li m'għandhiex tipprattika l-professjoni ta' għalliema.***

***Il-Kunsill jirrakkomanda wkoll illi s-Sa Galea m'għandhiex tiġi ordnata tħallas l-ispejjeż ta' din l-inkjesta, u li dawn għandhom jintrefgħu mid-Direttorat tal-Edukazzjoni.***

***Permezz tal-preżenti s-Sa Galea qed tiġi mfakkra bid-dritt tagħha illi tappella minn din ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill, lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva skont id-dispożizzjonijiet tal-Artiklu 32 tal-Att dwar l-Edukazzjoni, fi żmien wieħed u għoxrin (21) jum minn dan l-avviż li qed jingħata lill-Ministru.***[4]

**Ikkunsidra:**

Illi wara li t-Tribunal fela sew kemm l-atti tal-Inkjesta li ġew riprodotti fl-atti ta' dan l-appell, kemm ix-xhieda mogħtija mir-rikorrenti u minn Dr. Mateja Farrugia, Ċerperson tal-Kunsill intimat, fl-atti ta' dawn il-proċeduri u kif ukoll id-diversi dokumenti esebiti mir-rikorrenti, huwa tal-fehma illi l-allegazzjonijiet imressqa mir-rikorrenti fir-rikors promutur tagħha u fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha huma megħluba b'evidenza ċara u inekwivoka illi kien hemm diversi nuqqasijiet tul numru ta' snin fil-mod kif hija għallmet is-suġġetti li ġiet fdata bihom. Illi minkejja li xi drabi kkoreġiet il-metodi tagħha fejn inġibditilha l-attenzjoni, ma jirriżultax illi dan kien biżżejjed biex l-uffiċjali tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni jserrħu moħħhom illi t-tagħlim li kienet qed tagħti kien f'dak il-livell desiderabbli u mistenni li kull għalliema tagħti lill-istudenti tagħha. It-Tribunal jirrileva li ma jistax jingħad illi r-rikorrenti ma ngħatax opportunita` ttejjeb il-metodi tagħha ta' tagħlim. U kien proprju għalhekk, kif anke spjegat Dr. Mateja Farrugia, li l-Kunsill iddeċieda li jittieħed il-*warrant* ta' għalliema u mhux sempliċement li ma titħalliex tgħallem is-suġġett tal-Kimika. Dana għaliex jirriżulta illi r-rikorrenti mhux biss kellha nuqqasijiet fil-prattika tas-suġġett iżda nuqqasijiet fil-metodi ta' pedagoġija tas-suġġetti.

Għaldaqstant filwaqt li huwa minnu kif sottomess mir-rikorrenti illi t-talba tal-Prinċipal tal-Kulleġġ Marija Reġina, is-Sur Patrick Decelis, kienet fis-sens li l-kuntratt ta' impjieg tar-rikorrenti ma jiġix mġedded, madanakollu kien dover tal-Kunsill intimat li ladarba ġew riskontrati nuqqasijiet serji ħafna, li tiġi evalwata l-pożizzjoni tar-rikorrenti b'mod ħolistiku u dan stante li l-istess Kunsill għandu funzjoni li ai termini tal-artikolu 27 (1) (f) tal-Kapitolu 372 tal-Liġijiet ta' Malta *"jinvestiga kull*

---

[4] A fol. 316

*allegazzjoni ta' mġieba professjonali ħażina, negliġenza serja jew inkompetenza minn xi għalliem."* Dan l-istħarriġ jista' jagħmlu billi ai termini tal-artikolu 31 tal-Kapitolu 372 iniedi Inkjesta, wara liema, jekk isib lill-għalliem ħati ta' mġieba professjonali ħażina, negliġenza serja jew inkompetenza, jagħmel rapport dwar ir-riżultanzi u jissottomettieh lill-Ministru flimkien mar-rakkomandazzjonijiet tiegħu għall-imposizzjoni ta' xi penali minn dawn li ġejjin:

***(i) is-sospensjoni jew it-tħassir tal-warrant taħt dawk il-kondizzjonijiet li jistgħu jiġu rakkomandati;***

***(ii)…***

***(iii) l-imposizzjoni ta' xi kondizzjonijiet li għandhom ikunu marbuta ma' warrant;***

***(iv) ċanfira;***

***(v) ħlas li jkopri l-ispejjeż tal-investigazzjoni;***

***(vi) ordni li xi drittijiet li jintalbu għal servizzi mogħtija ma jitħallsux, jitnaqqsu jew jitħallsu lura***

Illi fiċ-ċirkostanzi li ġew ippreżentati lilu, l-Kunsill intimat kien tal-fehma illi għandu japplika l-iktar sanzjoni severa msemmija fil-liġi, u ċioe` dik tar-revoka tal-*warrant* ta' għalliema. Illi kif jirriżultata mid-dispozzjoni tal-liġi ċitata hawn fuq, il-Kunsill huwa mogħni b'dan il-poter anke jekk fl-ittra tiegħu is-Sur Decelis talab biss li ma jiġix imġedded il-kuntratt ta' mpjieg.

Illi dak li issa jrid jara dan it-Tribunal huwa jekk is-sanzjoni imposta fuq ir-rikorrenti kinitx waħda ekwa u ġusta fiċ-ċirkostanzi. Wara li t-Tribunal ra l-kwadru kollu tal-fatti huwa tal-fehma illi fejn jidħol it-tagħlim tas-suġġett tal-Kimika kien hemm nuqqasijiet serji ħafna da parti tar-rikorrenti. Dawn in-nuqqasijiet seħħew, mhux kif tallega r-rikorrenti minħabba nuqqasijiet ta' terzi, iżda minħabba nuqqasijiet tagħha. Huwa evidenti li għalkemm ir-rikorrenti għandha esperjenza ta' snin tgħallem, hemm nieqes il-pedament tal-pedagoġija u għalhekk dan in-nuqqas flimkien man-nuqqas ta' għarfien fil-fond dwar is-suġġett tal-Kimika, issuġġettawha għal ċerti żbalji li seta' kellhom konsegwenzi koroh ħafna fuq l-istudenti.

Illi dwar jekk is-sanzjoni imposta fuq ir-rikorrenti kinitx l-iżjed waħda idonea fiċ-ċirkostanzi, it-Tribunal huwa tal-fehma illi għalkemm ir-rikorrenti kellha diversi nuqqasijiet fit-tagħlim fil-kors tal-aħħar snin

qabel ġiet imnedija l-Inkjesta mill-Kunsill intimat, kien hemm istanzi fejn uriet li kienet disposta tirranġa xi affarijiet, pero` dan evidentement ma kienx biżżejjed. It-Tribunal huwa tal-fehma illi fiċ-ċirkostanzi il-Kunsill kien drakonjan fid-deċiżjoni tiegħu u ma tax il-possibilita` lir-rikorrenti tibni fuq it-tajjeb tagħha. It-Tribunal jifhem il-preokkupazzjoni tal-Kunsill intimat fejn tidħol is-saħħa u s-sigurta` tal-istudenti u wkoll it-tħassib tiegħu dwar il-mod kif ir-rikorrenti kienet qed tipproġetta t-tagħlim tas-suġġett partikolari. Pero` min-naħa l-oħra jifhem ukoll illi r-rikorrenti kienet qed tgħallem suġġett li ma kienx il-*forte* tagħha, għalkemm jirriżulta li ħadd ma sfurzaha biex tidħol għal din il-biċċa xogħol.

It-Tribunal jifhem ukoll illi li huwa ma jistax jissostitwixxi d-diskrezzjoni tiegħu ma' dik li l-leġislatur ħalla f'idejn il-Kunsill intimat. Pero` huwa tal-fehma illi sanzjoni tas-sospensjoni tal-*warrant* bil-kundizzjoni li r-rikorrenti tagħmel dak kollu meħtieġ, inkluż kors fil-pedagoġija fejn tiġi mħarrġa sabiex tindirizza n-nuqqasijiet li s'issa rriżultaw fit-tagħlim tagħha, tista' tkun alternattiva plawsibbli sabiex ir-rikorrenti ttejjeb il-ħiliet tagħha fil-klassi. Addizzjonalment tista' wkoll tiġi imposta kundizzjoni li ma tgħallimx is-suġġett tal-Kimika.

Illi għaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma illi filwaqt li jagħmilha ċara illi qiegħed jaqbel mar-riżultanzi kollha tar-rapport tal-Inkjesta, se jkun qiegħed iħassar dik il-parti tad-deċiżjoni fejn ġie rakkomandat illi l-*warrant* ta' għalliema tar-rikorrenti għandu jiġu mħassar u dan sabiex il-Kunsill intimat, fid-dawl ta' din id-deċiżjoni, jirrevedi d-deċiżjoni tiegħu.

Illi finalment, it-Tribunal jinnota illi t-talbiet fir-rikors promutur huma molteplici, u ċioe`:

1. Iħassar, jirrevoka u jannulla r-rakkomandazzjoni/deċiżjoni tal-Kunsill intimat ta' nhar l-24 ta' Jannar, 2022,
2. Jiġi rakkomandat u ordnat lill-Kunsill intimat illi r-rikorrenti tingħata l-*warrant* ta' għalliema bin-numru 11329 u fl-istess ħin ikun emendat ir-Reġistru Uffiċjali tal-Għalliema,
3. Lill-Ministru intimat jipprovdi lir-rikorrenti l-opportunita' li tgħallem is-suġġett tal-Bioloġija u/jew *Integrated Science* li wara kollox, hija ggradwat fihom sal-livell ta' *Masters*.

Illi fir-rigward tal-ewwel talba, it-Tribunal diġa esprima ruħu iktar 'il fuq. Fir-rigward tat-tieni u t-tielet talba, it-Tribunal jirrileva li m'għandu ebda kompetenza jagħmel dak mitlub.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddisponi mit-talbiet u mill-eċċezzjonijiet tal-intimati billi filwaqt li jikkonferma l-kontenut tad-deċiżjoni tal-Inkjesta għal dak li jirrigwarda fatti u kostatazzjonjiet magħmula mill-istess Kunsill, qiegħed jirrevoka dik il-parti tad-deċiżjoni fejn ġie rakkomandat it-tħassir tal-*warrant* ta' għalliema tar-rikorrenti u li l-istess tħassir jiġi annotat fir-Reġistru Uffiċjali tal-Għalliema, u dan sabiex il-Kunsill intimat, fid-dawl ta' din id-deċiżjoni, jirrevedi d-deċiżjoni tiegħu. It-Tribunal jiċħad il-kumplament tat-talbiet.

In vista taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, l-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Maġistrat Dr Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**